**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Orazio Cassar Laudi (K.I. 316063M)**

**vs**

**Al Said Al Kasem (K.I. 0038594M)**

**Rikors Numru: 17/16 JD**

Illum 7 ta' Frar 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Orazio Cassar Laudi li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent kien jikri l-garaxx numru 19, fornanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem "Class Court", fi Triq Danny Cremona, Hamrun lill-intimat Al Said Al Kasem biex jigi uzat bhala garage ghall-karozza.

Illi I-intimat baqa' inadempjenti fl-import ta' zewg skadenzi ta' kera u ta' hlasijiet ohra u illum il-gurnata huwa obbligat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elf, hames mija u erbghin Ewro (€ 1,540.00) flimkien ma' l-imghax legali ulterjuri mit-28 ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi minkejja diversi interpellanzi u partikolarment l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Mejju 2014, l-Ittra Ufficjali 166A numru *1344/2014* u l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Novembru 2015, li kopja taghhom qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok A, Dok B u Dok C, rispettivament, l-intimat baqa' inadempjenti fl-obbligi tieghu.

Illi ghalhekk l-intimat qed jiddetjeni l-fuq hawn fuq imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi, fil-fehma tar-rikorrent, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjonijiet xi jressaq f'din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 16A taI-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'Ghandux dan l-Onorabbli Bord Jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti li qieghed hawn jitlob li Dan il-Bord Joghgbu:

1. Jaqta u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' 1-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' elf, hames mija u erbghin Ewro (€ 1,540.00) flirnkien ma' l-imghax legali ulterjuri mit-28 ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv, import ta' zewg skadenzi ta' kera u ta hlasijiet ohra tal-garaxx numru 19, formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem "Class Court", fi Triq Danny Cremona, Hamrun

3. Jikkundanna lill-intimat jizgornbra mill-imsemmi garaxx numru 19, formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem "Class Court", fi Triq Danny Cremona, Harnrun u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur ir-rikorrenti fi zrnien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord Joghgbu Jiffissa.

Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' I-ittri interpellatorji tal-15 ta' Mejju 2014 u tas-17 ta' ovembru 2015 u l-Ittra Ufficjali 166A nurnru *1344/2014,* bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 l-intimat ipprezenta nota li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrent kera l-garaxx inkwistjoni lill-intimat li min-naha tieghu ilu sa mit-28 ta' April 2014 ma jhallas kera. Intbaghtitlu korrispondenza li giet debitament notifikat lilu u huwa baqa' inadempjenti.

L-intimat ammetta t-talbiet tar-rikorrenti u fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-intimat jinghata

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Bord qieghed ghalhekk jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk:

1. Jaqta u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' 1-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' elf, hames mija u erbghin Ewro (€ 1,540.00) flimkien ma' l-imghax legali ulterjuri mit-28 ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv, import ta' zewg skadenzi ta' kera u ta hlasijiet ohra tal-. garaxx numru 19, formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem "Class Court", fi Triq Danny Cremona, Hamrun.

3. Jikkundanna lill-intimat jizgornbra mill-imsemmi garaxx numru 19, formanti parti mill-blokk ta' bini bl-isem "Class Court", fi Triq Danny Cremona, Hamrun u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur ir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum millum.

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur